**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mohammed Ali Yousuf Nour**

**Kumpilazzjoni Nru. 375/2024 AC**

**Illum, it-2 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Mohammed Ali Yousuf Nour**, ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Mohammed Ali u Aisha xebba Bayo, imwieled is-Somalia, nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tal-elf u disgħa mija disa' u tmenin (1989), residenti ġewwa '25, St'Antnin Street, Birkirkara, Malta' u detentur tal-karta tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 40981A, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli bejn il-ħdax ta' filgħaxija (23:00) tal-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024) u t-tlieta ta' filgħodu (03:00) tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024), ġewwa '25, St'Antnin Street Birkirkara' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS**, liema offiża saret fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) *ossia* l-

imsemmija persuna li kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat u/jew il-persuna msemmija li qiegħda jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **OMISSIS** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta, kien akkużat ukoll talli talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024) fit-tmienja ta' filgħodu (08:00) u/jew fis-sigħat, fil-ġranet, fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel, ġewwa '25, St'Antnin Street Birkirkara' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil **OMISSIS** u/jew ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal **OMISSIS** liema delitt twettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettaq minn persuna li tgħix mal-vittma, twettaq ripetutament u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil **OMISSIS** biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettaq minn persuna li tgħix mal-vittma, twettaq ripetutament u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **OMISSIS** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **OMISSIS** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jekk ikun xieraq tinħareġ Ordni ta' Trattament u dan *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, jitħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, jitħaddmu kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, jkunu applikati l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;
Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Leonard Caruana nhar it-3 ta' Mejju 2024, u waqt l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur l-Avukat Dr. Jurgen

Dalli għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Colin Sheldon għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li waqt l-istess seduta[3], din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur **il-*Parte Civile* OMISSIS**[4];

Rat illi waqt l-istess seduta[5], il-partijiet talbu lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex ma tiddekretax fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni għal Ordni ta' Trattament fir-rigward tal-imputat sakemm ikun determinat aktar fid-dettall jekk hemmx ħtieġa li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament, u jekk iva, x'tip ta' Trattament ikun jista' jibbenefika minnu, b'dan illi minkejja li f'dak l-istadju l-istess Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba, irriżervat li tiddekreta fuq din it-talba fi stadju ulterjuri;

Rat illi fl-istess seduta[6], din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għad-divjett fuq isem il-*Parte Civile*;

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[7], din il-Qorti rat illi wara l-kompilazzjoni tal-provi miġbura fil-konfront tal-imputat rat illi kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-istess imputat jitqiegħed taħt Att t'Akkuża, u konsegwentement ingħata digriet tal-*Prima Facie*[8];

---

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2024 a fol 5 *et seq* tal-proċess, kif ukoll l-akkużi kif maħlufa bil-ġurament a fol 8 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 43 tal-proċess
[3] Ara l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2024 a fol 5 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 44 tal-proċess
[5] Ara l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2024 a fol 5 *et seq* tal-proċess
[6] Ara l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2024 a fol 5 *et seq* tal-proċess
[7] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 46 *et seq* tal-proċess
[8] Ara a fol 98 tal-proċess

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[9], dehret il-*Parte Civile* u wara li xehdet bil-ġurament tagħha li permezz tagħha wriet ix-xewqa li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti avżat lill-istess *Parte Civile* li f'każ li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli, dawn il-proċeduri ma jkunux jistgħu jerġgħu jinbdew jew jitkomplew bl-ebda mod;

Rat illi in vista tax-xhieda tal-*Parte Civile* waqt l-istess seduta, din il-Qorti ma kellhiex is-serħan tal-moħħ li l-istess *Parte Civile* ser tkun salvagwardjata, u għalhekk ċaħdet it-talba tagħha *ai termini* tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fl-istess seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[10], din il-Qorti ordnat li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2024[11], il-Prosekuzzjoni infurmat lil din il-Qorti li l-imputat kien lest li jattendi l-programm *STOP*, u wara li dan kien ikkonfermat mill-imputat stess, din il-Qorti ordnat li jsiru l-arranġamenti neċessarji mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għal dan l-iskop;

Rat illi fis-seduta tal-21 t'Awwissu 2024[12], l-imputat informa lil din il-Qorti li dakinhar filgħodu kien ippreżenta nota[13] li permezz tagħha nforma lill-istess Qorti li b'mod volontarju kien ser jagħmel il-programm *STOP*, u fid-dawl ta' dan, il-Qorti ordnat li meta jispiċċa l-programm b'suċċess jippreżenta d-dokumentazzjoni relattiva bħala prova tal-istess;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

---

[9] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 103 *et seq* tal-proċess
[10] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 103 *et seq* tal-proċess
[11] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 112 *et seq* tal-proċess
[12] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 119 *et seq* tal-proċess
[13] Ara a fol 120 tal-proċess

1. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/1145/2024 u Rapport tal-NPS bir-referenza 9/POL/3001/2024[14];

2. Ċertifikat Mediku maħruġ favur il-*Parte Civile* nhar it-2 ta' Mejju 2024 mit-Tabib Dr. F. Camilleri (MR: 4247)[15];

3. *NPS PCR Person Details* tal-imputat[16];

4. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-2 ta' Mejju 2024[17];

5. *Referral for Domestic Violence Unit* fir-rigward tal-*Parte Civile*[18];

6. CD bl-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat rigward ir-Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/1145/2024[19];

7. *Envelope* abjad b'sett ta' ritratti ta' ġrieħi[20];

8. *Envelope* abjad b'Permess tar-Residenza Maltija tal-imputat[21];

9. *Envelope* abjad bil-Passaport tal-imputat[22];

10. *Temporary Humanitarian Protection* Certificate tal-imputat[23];

[14] Ara Dok MYN1 a fol 12 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok MYN2 a fol 19 tal-proċess
[16] Ara Dok MYN3 a fol 20 tal-proċess
[17] Ara Dok MYN4 a fol 21 tal-proċess
[18] Ara Dok MYN5 a fol 22 *et seq* tal-proċess
[19] Ara Dok MYN6 a fol 41 tal-proċess
[20] Ara Dok MYN7 a fol 42 tal-proċess
[21] Ara Dok CSN1 a fol 114 tal-proċess
[22] Ara Dok CSN2 a fol 115 tal-proċess
[23] Ara Dok CSN3 a fol 116 tal-proċess

11. Nota tas-*Senior Probation Officer* Gordon Grech datata t-23 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha nforma lil din il-Qorti li kien nominat il-*Probation Officer* Dylan Santillo sabiex isegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[24];

12. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-28 t'Ottubru 2024 dwar l-andament tal-imputat[25];

13. Relazzjoni tal-espert mediko-legali Dr. Edward Basile Cherubino datata d-29 ta' Settembru 2024[26];

14. Traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat hekk kif imħejjija minn Dr. Alexandra Mamo[27];

15. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-28 ta' Novembru 2024 dwar l-andament tal-imputat[28];

16. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-23 ta' Diċembru 2024 dwar l-andament tal-imputat[29];

17. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-28 ta' Jannar 2025 dwar l-andament tal-imputat[30];

18. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat is-27 ta' Frar 2025 dwar l-andament tal-imputat[31];

19. Ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Marzu 2025[32];

---

[24] Ara a fol 133 tal-proċess
[25] Ara a fol 136 *et seq* tal-proċess
[26] Ara Dok ECB1 a fol 144 *et seq* tal-proċess
[27] Ara Dok AM1 a fol 167 *et seq* tal-proċess
[28] Ara Dok DS1 a fol 197 *et seq* tal-proċess
[29] Ara a fol 205 *et seq* tal-proċess
[30] Ara a fol 215 tal-proċess
[31] Ara a fol 216 tal-proċess
[32] Ara a fol 218 *et seq* tal-proċess

20. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat il-21 ta' Marzu 2025 dwar l-andament tal-imputat[33];

21. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat l-24 ta' Marzu 2025 dwar l-andament tal-imputat[34];

22. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-3 t'April 2025 dwar l-andament tal-imputat[35];

23. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat is-27 ta' Mejju 2025 dwar l-andament tal-imputat[36].

Rat ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Marzu 2025[37], b'dan illi jidhirlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 218(1)(b), 222(1)(a), 202(h)(v) u 202(h)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-Artikoli 251A(1)(a)(b) u 251H(a), (b), (f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-Artikoli 251B(1), 251H(a), 251H (b) u 251H(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u;

[33] Ara a fol 221 *et seq* tal-proċess
[34] Ara a fol 223 *et seq* tal-proċess
[35] Ara a fol 226 tal-proċess
[36] Ara a fol 228 tal-proċess
[37] Ara a fol 218 *et seq* tal-proċess

7. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skont kif provdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tassigura li tiġi nserita t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Dr. Alexandra Mamo** ta' nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

2. Tassigura li l-atti proċesswali huma kollha ffirmati u numerati;

3. Tassigura li t-traskritturi kollha jiffirmaw it-traskrizzjonijiet imħejjija minnhom;

4. Tisma' u tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Prosekuzzjoni jidhrilha xieraq li tipproduċi f'dan il-każ.

Rat illi fis-seduta tad-9 t'April 2025[38], din il-Qorti reġgħet ħadet konjizzjoni tar-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u ddikjarat li l-ewwel riżerva kienet sodisfatta *stante* li t-traskrizzjoni relattiva ta' Dr. Alessandra Mamo tinsab esebita in atti;

Rat illi fl-istess seduta[39], l-Avukat Ġenerali ddikjara għalhekk li f'dan l-istadju l-Artikoli jistgħu jiġu moqrija bil-ġurament;

Rat illi fl-istess seduta[40], l-Avukat Ġenerali qara u kkonferma l-Artikoli bil-ġurament u ddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqin;

Rat il-verbal tal-lum stess li fih qabel ma' din il-Qorti ppronunzjat ruħha dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, b'referenza għas-seduta tad-9 t'April 2025, il-partijiet qablu li fl-istess

---

[38] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 227 tal-proċess
[39] Ara l-verbal tas-seduta tad-9 t'April 2025 a fol 227 tal-proċess
[40] Ara l-verbal tas-seduta tad-9 t'April 2025 a fol 227 tal-proċess

seduta, wara li nqraw l-Artikoli bil-ġurament, wara li din il-Qorti kienet staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat b'mod sommarju, wieġeb li ma kellux oġġezzjoni u konsegwentement din il-Qorti rrisolviet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw:

**Il-*Parte Civile* OMISSIS** tixhed bil-lingwa Ingliża waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[41] li kienet ġiet biex tiddeponi kontra l-eks *partner* tagħha Mohammed Yousuf, **u tindikah bħala l-imputat preżenti fl-awla**. Tispjega li hi u l-imputat kienu ilhom f'relazzjoni għal ftit aktar minn sentejn. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tgħid li l-inċident li kienet ser tixhed dwaru seħħ tard fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 ġewwa d-dar tiegħu fl-indirizz 25, Sant' Antnin Street, Birkirkara, u tgħid li dakinhar tal-inċident kienu ltaqgħu u l-imputat qalilha li kien jismu "***Joe***"[42] u kienet festa pubblika u kienu qed jixorbu flimkien ġewwa d-dar tiegħu biex jiċċelebraw "***sort of***"[43]. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tgħid li sa' dak iż-żmien tal-inċident kienu jirrisjedu flimkien, bix-xhud tgħid li "***Maybe about 10 day together this time because two months ago, I lived with him…***"[44]. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tikkonferma li kienet temmet ir-relazzjoni mal-imputat madwar xahrejn qabel, iżda sal-1 ta' Mejju din ir-relazzjoni kienet reġgħet bdiet u kienu qed jgħixu taħt l-istess saqaf. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li hi kienet miżżewġa Malti, u mistoqsija fuq dak li kien seħħ sa dakinhar tal-inċident ix-xhud tgħid li ma kienux qed jgħixu flimkien eżattament pero' tgħid li kienet marret għandu tqatta' xi jiem hemmhekk, u żżid li qabel dan il-perjodu kienet tirrisjedi ġewwa Wied il-Għajn flimkien mal-eks *partner* tagħha li jiġi missier bintha Alexandra. Ix-xhud tkompli tispjega li matul is-sentejn ta' qabel kienet tmur tgħix għand l-imputat pero' tgħid li xi kultant kien ikollhom xi argumenti, u b'hekk kienet titlaq iżda mbagħad terġa' tirritorna. Tikkonferma li l-aħħar darba li temmet il-relazzjoni tagħha mal-imputat kien xahrejn qabel. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tgħid li kienet qiegħda tgħix mal-imputat dakinhar tal-inċident wara li kienet

[41] Ara x-xhieda tagħha waqt l-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess
[42] Ara a fol 52 tal-proċess
[43] Ara a fol 52 tal-proċess
[44] Ara a fol 53 tal-proċess

temmet ir-relazzjoni tagħha miegħu għaliex kienu qiegħdin jippruvaw jirrikonċiljaw, u tikkonferma li dakinhar tal-inċident kienu qiegħdin f'relazzjoni ma' xulxin;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li fil-lejl tal-inċident nhar l-1 ta' Mejju kienet festa pubblika u kienu qed jiċċelebraw flimkien id-dar tagħhom. Tgħid li kienu qiegħdin jixorbu l-vodka, u f'ħin minnhom saru ftit emozzjonali u bdew jargumentaw fuq xi affarijiet passati, u jiddiskutu darba darbtejn, u Jo Mohammed beda jirrabja u jirrabja u hi bdiet twiegħbu wkoll għax kienet qed tixrob ukoll. Tkompli tispjega li minkejja dak kollu li ppruvat, tistqarr li taf li Mohammed għandu karattru "***very tempered***"[45]. Tgħid li dak il-ħin kien tard bil-lejl u kienet qed tipprova torqod, li skontha kienet l-aħjar deċiżjoni, però tgħid li "***Joe's temper, was very hot and he began to hit me***"[46]. Mistoqsija dwar x'hiex kienu qegħdin jargumentaw, ix-xhud tistqarr li dan kien għal ħafna raġunijiet, iżda tistqarr li ma kienitx taf eżatt, bi kliemha jkun "***many relationship, big question… exist***"[47]. Mitluba telabora dwar dawn il-problemi, ix-xhud issemmi l-fatt li kienet qaltlu li kienet qed tfittex impjieg[48]. Ix-xhud tispjega li r-reazzjoni tal-imputat għal dan kienet li "***he does not like it and agree with it, he was angry***"[49], u ssemmi kif beda jitkellem ħażin fil-konfront tagħha, u jgħajjarha "***bitch***"[50] u "***slut***"[51]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud apparti l-insulti, kien qiegħed jixrob biss, iżda tgħid li deher nervuż u anzjuż, u mument minnhom beda jaggrediha. Ix-xhud tgħid dan sar meta kienu viċin xulxin fuq is-sodda tal-kamra tiegħu fir-residenza tiegħu f'Birkirkara, u indikat li kien qed itiha d-daqqiet b'idejh mal-ġenb tan-naħa tax-xellug ta' rasha, u wara madwar rasha kollha, fuq daharha, għalkemm tistqarr li ma setgħetx tiftakar kemm-il daqqa qalgħet minħabba l-uġigħ li ħasset.

Mistoqsija jekk idejh kienux miftuħin jew maqgħluqin waqt li kien qed jaggrediha, tistqarr li ma kienitx taf peress li ma kienitx qed tistenniha mingħandu u żżid li "***in these last two months he never touched me***"[52]. Ix-xhud tispjega li hi ppruvat tikkalmah biex hi torqod,

[45] Ara a fol 58 tal-proċess
[46] Ara a fol 58 tal-proċess
[47] Ara a fol 58 tal-proċess
[48] Ara a fol 58 tal-proċess
[49] Ara a fol 59 tal-proċess
[50] Ara a fol 60 tal-proċess
[51] Ara a fol 60 tal-proċess
[52] Ara a fol 63 tal-proċess

u bit-tama li jekk jorqod, l-imputat jikkwieta ftit. Ix-xhud tgħid ukoll li l-imputat ikkalma għal ftit, iżda wara ftit minuti reġa' beda joffendieha fost affarijiet oħra, inkluż jaggrediha "***all over my head***"[53], kif ukoll fuq daharha;

Murija sett ritratti mmarkati bħala Dok MYN7, ix-xhud tagħraf l-ewwel ritratt immarkat bħala Dok CS1 bħala ġrieħi li sofriet fin-naħa tax-xellug tal-widna u rasha bi tbenġil. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega li dawn il-ġrieħi kien ikkaġunahom Joe, li fuq domanda tal-Qorti, tikkonferma huwa l-imputat Mohammed. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tgħid li dawn saru fl-istess lejl tal-1 ta' Mejju 2024. Rigward it-tieni ritratt immarkat bħala Dok CS2, ix-xhud tagħrafhom bħala ġrieħi sofferti fil-parti ta' fuq ta' daharha ħdejn għonqha u tispjega li dawn il-ġrieħi kienu kkaġunati mill-imputat b'idejh, u tagħraf ukoll marka sewda fuq l-istess ritratt bħala tbenġila oħra;

Fuq domanda tal-Qorti, murija r-ritratti mmarkati bħala Dok CS1 sa Dok CS10, ix-xhud tikkonferma l-kontenut tagħhom u tispjega li dawn ir-ritratti ttieħdu ġewwa l-Isptar Mater Dei ġewwa d-Dipartiment tal-nhar it-2 ta' Mejju 2024, iżda tistqarr li ma tiftakarx il-ħin ta' meta ttieħdu. Ix-xhud tkompli tispjega li dawn ittieħdu minn tal-*Victim Support Unit* u kien hemm ammont ta' tobba preżenti wkoll. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tgħid li dawn ir-ritratti kienu kollha relatati ma' dan l-akkadut tal-1 ta' Mejju 2024, u ttieħdu wieħed wara l-ieħor. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega li damet rikoverata l-Isptar Mater Dei għal jumejn;

Dwar l-akkadut innifsu x-xhud tgħid li dan beda tard filgħaxija u dam madwar tliet jew erba' sigħat, iżda tistqarr li ma kienitx ċerta peress li l-imputat ħadilha l-*mobile* tagħha, u tgħid ukoll li kienet qed tħossha muġugħa, u l-imputat waqaf. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud wara dan l-inċident ippruvat torqod, u tgħid li ħassitha "***shaken***"[54] dwar is-sitwazzjoni, imbagħad raqdet u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, tgħid li l-imputat raqad ħdejha u filgħodu qam għax-xogħol ta' *plumber* għall-ħabta tas-sitta u nofs jew is-sebgħa, iżda tgħid li suppost kellu jmur ix-xogħol u ġie lura d-dar, bix-xhud tistqarr li ma

[53] Ara a fol 63 tal-proċess
[54] Ara a fol 68 tal-proċess

staqsietu xejn. Mistoqsija x'ġara wara, x-xhud tispjega li marret tixtri s-sigaretti mingħand *Andrew's Bar*, marret lura d-dar u qabdet tpejjep, u l-imputat ġie ħdejha donnu biex jitkellem magħha u jistaqsiha x'ġara, iżda tgħid li reġa' beda jsir aggressiv u beda jinsulentaha u jgħidilha li hija mara ħażina fost kliem ħażin ieħor fil-konfront tagħha. Ix-xhud tkompli tispjega li wara dan reġgħet marret *Andrew's Bar* biex tixtri sigarett u bdiet tpejjep dan is-sigarett ħdejn l-istess *bar*, u tispjega li kien hemm *pet shop* fil-viċinanzi bl-isem *Abelson*. F'dan l-istadju x-xhud tgħid li kienet kellmet lil sid il-ħanut ċertu Francis Abela li qalilha tmur għand il-Pulizija għaliex "***he was tired of this story***"[55] għaliex din l-istorja kienet qed tirrepeti ruħha wisq drabi, iżda tistqarr li ma tafx min kien li ċempel lill-Pulizija l-ewwel, jekk kienitx hi jew xi persuna oħra;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tiddeskrivi r-relazzjoni tagħha mal-imputat bħala "***not bad***"[56] għall-bidu għaliex sa dak il-punt, inċident wieħed biss kien hemm, u żżid li dan il-perjodu tajjeb dam għaddej għal ammont ta' xhur. Ix-xhud tispjega pero' li wara dan il-perjodu l-imputat beda jaggrediha, b'inċident iseħħ kull ġimgħa, imbagħad kull xahar, u tgħid li f'dawn is-sentejn, wara ftit tal-jiem kien iċemplilha biex jiskuża ruħu u jgħidilha biex tmur lura għandu. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tiddeskrivi dawn l-episodji bħala simili għal dak li seħħ dakinhar tal-inċident, iżda żżid tgħid li ma kienux ikunu fuq l-istess livell bħall-inċident tal-1 ta' Mejju 2024.

Mistoqsija x'kienet għamlet, ix-xhud twieġeb li kienet ċemplet għat-trasport, jew iċċempel lill-ħbieb tagħha u titlaq lill-imputat. Murija Dok MYN2, ix-xhud tagħrfu bħala ċertifikat mediku mid-Dipartiment tal-Emerġenza ġewwa l-Isptar Mater Dei bid-dettalji tagħha li jiddeskrivi l-ġrieħi li sofriet datat it-2 ta' Mejju 2024. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li apparti l-Pulizija u tal-Isptar, kienu kellmuha tnejn min-nies mill-*Victim Support Agency* li staqsewha xi mistoqsijiet, u tispjega li talibthom brejk ta' 15-il minuta biex tiġi lura f'sensieha, u tikkonferma li wieġbet id-domandi li kienu għamlulha;

[55] Ara a fol 71 tal-proċess
[56] Ara a fol 72 tal-proċess

Mistqosija kif kienet ħassitha b'dan l-abbuż li sssemmi fix-xhieda tagħha x-xhud tistqarr li kienet qed tħossha "***terrible***"[57], u tiddeskrivi kif matul ir-relazzjoni tagħha mal-imputat kienet tħossha differenti, b'"***ups and downs***"[58] waqt l-istess relazzjoni, u tispjega li "***sometimes Mohammed, feel too good and perfect and when it is down, there are accidents***"[59]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tiddeskrivi ż-żmien meta r-relazzjoni bejnha u l-imputat ma kienitx tajba bħala "***Totally broken, and that is how I am feeling right now***"[60], u tistqarr li għalkemm kienet diffiċli, b'xi mod jew ieħor, ħadet dan il-pass, u tħossha kburija b'dan, u tgħid li "***through pain and tears I just have to do it***"[61];

In kontroeżami, x-xhud tikkonferma li kienet damet f'relazzjoni mal-impuat għal sentejn minkejja li kien hemm dan l-abbuż fiżiku kienet xorta tmur lura għandu għaliex tħobbu u temmnu, u tistqarr li "***I question why he accepts me, if I am that bad person***"[62]. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud tikkonferma li l-għada tal-inċident kienet marret għand *Andrew's Bar* biex tixtri s-sigaretti, u mistoqsija għalfejn marret lura d-dar tal-imputat tistennih minflok ċemplet lill-Pulizija immedjatament minħabba l-ġrieħi li kienet sofriet, ix-xhud tispjega li kien hemm l-affarijiet tagħha fir-residenza tal-imputat għaliex kienet qed toqgħod għandu, u għalhekk marret lura d-dar tpejjep is-sigaretti waħidha għal ftit minuti. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud tispjega li ma marritx l-Għassa tal-Pulizija għaliex bilkemm setgħet tiċċaqlaq. Ix-xhud tgħid ukoll li kienet ċemplet lill-Pulizija bil-*mobile* tagħha, pero' tistqarr li ma kienitx taf jekk kienx ċempel ħaddieħor ukoll. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud tikkonferma fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 kemm hi u kemm l-imputat kienu fis-sakra;

**Francis Abela** jixhed waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[63] li nhar it-2 ta' Mejju 2024 bejn it-08:15hrs u t-08:30hrs kien qiegħed fil-ħanut tiegħu *Abelson Pet Shop* ġewwa Psaila Street, Birkirkara, u daħlet OMISSIS. Jgħid li OMISSIS marret ħdejh għax għandu

[57] Ara a fol 76 tal-proċess
[58] Ara a fol 76 tal-proċess
[59] Ara a fol 77 tal-proċess
[60] Ara a fol 77 tal-proċess
[61] Ara a fol 77 tal-proċess
[62] Ara a fol 78 tal-proċess
[63] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 80 *et seq* tal-proċess

kunfidenza kemm magħha u kemm miegħu peress li kienu ġirien tiegħu, li fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, **x-xhud jidentifika lil dan tal-aħħar bħala l-imputat preżenti fl-awla** u jsejjaħlu Joe. Mistoqsi għalfejn sejjaħlu Joe, ix-xhud jispjega li dan għaliex l-imputat u OMISSIS jgħidulu t-tnejn li ismu propju huwa "***Joe Moses***"[64], u fuq domanda tal-Qorti, għal darb' oħra jikkonferma li Joe Moses huwa l-imputat preżenti fl-awla;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud ikompli jispjega li meta daħlet OMISSIS kien raha bid-daqqiet u għajnejha minfuħa u ralha d-demm, u jgħid li qalilha ċċempel lill-Pulizija, u jgħid li l-imputat ġie fil-ħanut, taha ċ-ċavetta, tefagħha fuq il-bank u qalilha "***ħa u mur id-dar***"[65], u jżid li quddiemu qatt ma sawwatha. Mistoqsi għalfejn OMISSIS kienet ġiet fil-ħanut, ix-xhud jispjega li riedet tixtri bott birra, u jistqarr li hu jagħmel karita' kemm magħha u kemm mal-imputat u ġieli ttih il-flus għalihom u ġieli le, u jgħid li anke sigaretti titolbu;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jikkjarifika li l-ewwel ġiet OMISSIS fil-ħanut, u wara ġie l-imputat ukoll, li poġġa ċ-ċavetta fuq il-bank, u qalilha biex toħodhom u tmur id-dar. Ix-xhud jispjega wkoll li l-imputat ġie fil-ħanut meta OMISSIS ġiet iċċempel, li minn meta ġiet għat-telefonata kienet għaddiet minuta. Ix-xhud jgħid ukoll li hu kien qal lil OMISSIS biex iċċempel x'ħin daħlet fil-ħanut, u hi qabdet iċċempel u daħal l-imputat, li qalilha tmur lejn id-dar u hi qaltlu jġibilha l-ħwejjeġ, u fuq domanda tal-Qorti jikkonferma li dan id-diskors intqal quddiemu;

Ix-xhud ikompli jispjega li wara dan ġew il-Pulizija, u hu ħareġ fil-bieb biex jagħmlilhom sinjal biex jiġu ħdejh, u jgħid li ra lill-imputat barra l-ħanut "***qisu ddispjaċut***"[66] kokka mal-ħajt, u x-xhud mar ħdejh jgħidlu "***mhux hekk għax rajtha hekk jiena***"[67]. Mitlub jelabora fuq dak li ra, ix-xhud jgħid li ra lil OMISSIS msawwta, b'għajnejha minfuħa "***ma tinfetaħx***"[68], u fuqha kellha farrett li x-xhud jgħid li għadu jidher. Barra minn dan isemmi li OMISSIS kellha daqqiet fuq ħaddejha li kienet vjola, u waħda minn għajnejha tinfetaħx

[64] Ara a fol 82 tal-proċess
[65] Ara a fol 82 tal-proċess
[66] Ara a fol 83 tal-proċess
[67] Ara a fol 83 tal-proċess
[68] Ara a fol 84 tal-proċess

minħabba li kienet minfuħa u l-oħra kienet minfuħa wkoll. Ix-xhud ikompli jispjega li hemm ritratti ta' dan kollu, u jgħid li OMISSIS marret l-Isptar u ċemplet lix-xhud id-dar u peress li kienet waħedha, staqsietu jekk lill-imputat isawwtuhx, u x-xhud weġibha u qalilha "***mela l-Pulizija u tal-Ħabs isawwtu n-nies?***"[69]. OMISSIS staqsietu wkoll jekk jagħtuhx x'jiekol lill-imputat, u x-xhud weġibha u qalilha "***ħeqq mela, jkun hemm l-ikel, qas jieklu d-dar***"[70]. Dak il-ħin ix-xhud jgħid li OMISSIS talbitu jekk jistax jiġi l-Isptar, u l-għada mar, u qalilha li ma kienx ser jidħol u qalilha li kien ser imur l-Emerġenza, u ħadilha flixkun Coca. Ix-xhud jispjega li kien jaf li hija persuna barranija waħedha, u kien jgħin lit-tnejn li huma u jgħid li hu qatt ma ra lill-imputat isawwatha. Ix-xhud jgħid ukoll li dwar dan l-imputat kien jgħidlu "***mhux jien intiha, hi toqgħod tinstabat***"[71], u x-xhud jgħid li ma jemmnux;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud jispjega li dwar il-ġrieħi li ra fuq OMISSIS, kellha wkoll ġrieħi fuq għonqha. Mistoqsi jekk kienux ġew nies oħra fuq il-post li ma kienux pajżana ix-xhud jgħid li kienu ġew il-Pulizija, tal-Ambulanza u Tabib, u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni jgħid li jaħseb li ttieħdet l-Isptar;

In kontroeżami, ix-xhud jikkonferma li OMISSIS kienet marret il-ħanut darba filgħodu, u wara ġie l-imputat li ħallielha ċ-ċavetta u qalilha biex tmur id-dar, u jikkonferma wkoll li dak il-ħin ċemplet lill-Pulizija u baqgħet hemm;

**PS 233 Daniel Vassallo** jixhed waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[72] li fit-2 ta' Mejju 2024 għall-ħabta tat-08:30 kien infurmat li fi Triq Salvu Psaila Birkirkara mill-ħanut *Abelson* kien hemm rapport ta' vjolenza domestika, u jispjega li hu u l-kollegi tiegħu marru fuq il-post, u ltaqgħu mal-vittma, ċertu OMISSIS. Ix-xhud jispjega li meta ltaqa' magħha seta' jinnota li kellha diversi ġrieħi viżibbli f'wiċċha, u meta staqsiha jekk riditx assistenza medika, wieġbet fl-affermattiv. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jgħid li l-vittma kellha *black eye* iżda jistqarr li milli jiftakar ma kellhiex aktar ġrieħi;

[69] Ara a fol 84 tal-proċess
[70] Ara a fol 84 tal-proċess
[71] Ara a fol 85 tal-proċess
[72] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 89 *et seq* tal-proċess

Ix-xhud ikompli jispjega li meta staqsa lill-vittma minn fejn kienu ġew dawn il-ġrieħi, stqarret miegħu li kienu saru l-ġurnata ta' qabel nhar l-1 ta' Mejju 2024 filgħaxija, u li kienu saru mill-*partner* tagħha ċertu Mohammed Ali li joqgħod magħha u li kienu f'relazzjoni ma' xulxin, u wara li staqsiha, il-vittma wriet ix-xewqa li tagħmel rapport mad-*DV Unit*, u li xtaqet tmexxi bil-Qorti. Ix-xhud jgħid li dak il-ħin ġie Mohammed Ali u hu waqqfu, għamel mal-kuntatt mad-*DV Unit* u nformahom b'dak li kien seħħ, u l-Ispettur Colin Sheldon ta struzzjonijiet biex Ali jkun arrestat u jinġieb id-*Depot*. Ikompli jispjega li huwa informa lil Mohammed bl-arrest tiegħu fuq allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika u tah id-drittijiet tiegħu fuq il-post, u wara li marru jiġbru dokument mir-residenza 25, Triq Sant' Antnin, Birkirkara, Mohammed ittieħed il-*lock-up*. Muri żewġ rapporti tal-NPS, ix-xhud jagħraf ir-rapport bir-referenza 9/POL/3001/2024[73] bħala r-rapport imħejji minnu, **u jagħraf ukoll lill-vittma u lill-imputat preżenti fl-awla**;

**PC 2108 Dana Sultana** tixhed waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[74] li ħadet ir-rapport ta' OMISSIS ġewwa l-Isptar Mater Dei fil-konfront tal-eks *partner* tagħha Yousuf Mohammed, 409810A, li allegat li fl-1 ta' Mejju 2024 għall-ħabta tal-23:00hrs kien hemm argument bejniethom u ħebb għaliha. Ix-xhud tgħid li Calleja stqarret magħha li dan kien għaliex staqsiha għal xi flus u għandu problema tad-droga u meta rrifjutat, qabadha minn għonqha u qalilha li kien ser joqtolha. Tgħid li Calleja stqarret ukoll li kienet qed tħossha qed tifga, li "***she was afraid to move***"[75] u kienet qed tħossha qed taqta' nifisha. Calleja stqarret max-xhud li meta ppruvat iċċempel l-Emerġenza kemm-il darba, iżda Yousuf Mohammed ħadilha l-*mobile* minn idejha. Qalet ukoll li waqaf issawatha u mbagħad filgħodu fit-2 ta' Mejju 2025 għall-ħabta tas-07:30 kien ser jerġa' jibda argument ieħor bejniethom u hu resaq lejha, u hi marret għand il-ġar tagħha u ġew il-Pulizija mill-Għassa ta' Birkirkara. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tikkonferma l-kontenut tar-rapport tagħha u tiffirma fil-partijiet li fihom hemm l-involviment tagħha fl-istess rapport, u ċioe' r-rapport fl-ewwel parti ta' Dok MYN1[76]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, **x-xhud tindika lill-*Parte Civile* preżenti fl-awla**;

---

[73] Ara Dok CS1 a fol 16 *et seq* tal-proċess
[74] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 92 *et seq* tal-proċess
[75] Ara a fol 92 tal-proċess
[76] Ara r-rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/1145/2024 a fol 12 *et seq* tal-proċess

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega kienu hi, flimkien ma' PC 402 u r-*risk assessors* Jodie Baldacchino u Pavel Cuschieri. Tispjega li apparti dan, ix-xhud r-*risk assessor* Jodie Baldacchino ħadu ritratti tal-ġrieħi li kellha l-*Parte Civile* li kienu viżibbli, u tikkonferma li r-ritratti esebiti f'*envelope* immarkat bħala Dok MYN7, u r-ritratti nfushom immarkati bħala Dok CS1 sa Dok CS20 ittieħdu minnha fil-preżenza tar-*risk assessor* Jodie Baldacchino, permezz tal-*mobile* ta' PC 402;

**Ir-*Risk Assessors* Pavel Cuschieri u Jodie Baldacchino** jixhdu b'mod konġunt waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[77] li fuq domanda tal-Prosekuzzjoni jagħrfu Dok MYN5 bħala r-*risk assessment* imħejji minnhom fir-rigward ta' OMISSIS b'punteġġ ta' 18 u ċioe' riskju għoli, u jagħrfu wkoll il-firem tagħhom fuq l-istess dokument. Ix-xhieda jispjegaw li dan ir-*risk assessment* kien sar nhar it-2 ta' Mejju 2024 ġewwa l-Isptar Mater Dei fid-Dipartiment tal-Emerġenza, u waħda mix-xhieda tikkonferma li apparti għar-*risk assesement*, kienet preżenti waqt li l-Kuntistabbli li xehdet qabilha ħadet ritratti tal-ġrieħi sofferti mill-*Parte Civile*. L-istess xhud tistqarr li ma kienitx rat dawn ir-ritratti iżda tikkonferma li kienet rat it-tbenġil fuq l-istess *Parte Civile*. Murija Dok MYN7 b'ritratti mmarkati bħala Dok CS1 sa Dok CS10, ix-xhud tikkonferma li kienu l-istess ġrieħi li kienet rat fuq il-*Parte Civile*. Fuq domanda tal-Qorti, l-istess xhud tikkonferma li huma dejjem jitkellmu mal-allegata vittma biss u lill-allegat aggressur ma jkellmuhx;

**It-Tabiba Dr. Francesca Camilleri** tixhed waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[78], li tikkonferma li kienet mitluba dwar ċertifikat mediku maħruġ minnha fir-rigward ta' OMISSIS, u murija l-istess ċertifikat a fol 19 tal-proċess tikkonferma li huwa l-istess ċertifikat maħruġ minnha. Tispjega li l-grieħi kienu ġerħa ta' 2.5cm "***abrasions wound in the lower level area***"[79], ferita fuq ix-xellug t'għajnejha li kellha bżonn il-punti, kellha wkoll *black eye* fuq żewġ naħat, tbenġila u nfiħ "***in the upper thoracic spine***"[80], tbenġil fin-naħa ta' fuq ta' daharha, kif ukoll f'sidirha, u l-għajn tax-xellug, kif ukoll fuq idejha u

---

[77] Ara x-xhieda tagħhom mogħtija waqt l-istess seduta a fol 95 *et seq* tal-proċess
[78] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 104A *et seq* tal-proċess
[79] Ara a fol 104B tal-proċess
[80] Ara a fol 104B tal-proċess

saqajha. Ix-xhud tispjega li kklassifikat dawn il-ġrieħi bħala gravi minħabba l-ġrieħi f'wiċċha peress li kellha bżonn il-punti;

**PC 402 Andre' Mifsud** jixhed waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[81] li nhar it-2 ta' Mejju 2024 daħlet telefonata ġewwa d-*DV Unit*, u kienu infurmati mill-Għassa ta' Birkirkara li ddaħlet persuna l-Isptar Mater Dei minħabba li kellha xi ġrieħi f'wiċċha. Ix-xhud u PC 2108 marru l-Isptar u PC 2108 ħa r-rapport tal-vittma fil-preżenza tax-xhud li kellu *body cam* mixgħula. Ix-xhud innota li l-vittma kellha ġrieħi viżibbli fil-wiċċ. Jispjega li ħareġ mill-kamra sakemm il-kollega tiegħu ħadet xi ritratti tal-ġrieħi li kellha l-vittma bil-permess tagħha. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jikkonferma li kien rahom dawn ir-ritratti, u muri sett ta' ritratti x-xhud jikkonferma li dawn kienu l-istess ritratti li ttieħdu ġewwa l-Isptar Mater Dei dakinhar stess. F'dan l-istadju **x-xhud jindika lill-*Parte Civile* preżenti fl-awla**, u jikkonferma li min-naħa tiegħu qatt ma kien kellem lill-imputat;

In kontroeżami x-xhud jispjega li meta kienu qed jittieħdu r-ritratti hu ma kienx preżenti għax kien ħareġ barra mill-kamra peress li biex turi l-ġrieħi l-vittma kellha tinża xi ħwejjeġ. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud jikkonferma li ma kienx ra lill-imputat u daħal fix-xena minħabba li r-rapport li l-Pulizija kienu reċevew ġewwa d-*DV Unit*, u jikkonferma li huwa stazzjonat fid-*DV Unit* fl-uffiċju tal-Ispettur Cauchi, iżda jgħid li dakinhar kien ġewwa d-*DV Unit* tal-Furjana peress li kien *duty*. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud jikkonferma wkoll li kien preżenti waqt it-teħid tal-verżjoni tal-*Parte Civile* waqt it-tħejjija tar-rapport, u li din din il-verżjoni damet tittieħed madwar nofsiegħa;

**PC 330 Rodney Azzopardi** jixhed waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[82] li huwa stazzjonat id-*DV Unit* fl-uffiċju tal-Ispettur Colin Sheldon u jispjega li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien li nhar it-2 ta' Mejju 2024 kienu infurmati mill-Għassa ta' Birkirkara rigward inċident, u li kienet ser tinġieb persuna ġewwa l-*lock-up*. Jispjega li l-involviment tiegħu kien bħala xhud tal-Istqarrija rrilaxxjata minn Mohammed Nour, **li jindikah bħala**

[81] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 104C *et seq* tal-proċess
[82] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 104G *et seq* tal-proċess

**l-imputat preżenti fl-awla**, u li flimkien miegħu kien hemm preżenti PC 2158 u l-Ispettur Colin Sheldon;

In kontroeżami x-xhud jispjega li kien preżenti mill-bidu nett tat-teħid tal-Istqarrija u jikkonferma li kien wieġeb għad-domandi li kienu sarulu waqt din l-Istqarrija, u mistoqsi jekk kienx iffirma għal din l-Istqarrija, x-xhud iwieġeb li din kienet Stqarrija Awdjo Viżwali; In rieżami, x-xhud jikkonferma li kien għażel li jeżerċita d-drittijiet tiegħu u kellem lill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Martin Fenech wara li ċempillu x-xhud;

Ix-xhud ikompli jispjega li hu ma kienx jaf x'parir kien ingħata mill-Avukat peress li kien waħdu fil-kamra jitkellem mal-Avukat. Fuq domanda tad-Difiża jekk kienx preżenti waqt it-teħid tal-Istqarrija, x-xhud jispjega li din kienet waħda Awdjo-Viżwali, u l-Ispettur jispjega li l-imputat ikun waħdu fil-kamra, u l-Avukat ma kienx preżenti għat-teħid tal-Istqarrija;

**Il-*Parte Civile* OMISSIS** terġa' tixhed bil-lingwa Ingliża waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[83] li wara x-xahrejn li għaddew mix-xhieda tagħha xtaqet tagħti lill-imputat ċans ieħor u weriet ix-xewqa li taħfirlu, u twaqqaf il-proċeduri fil-konfront tiegħu "***to give him one more chance to change his attitude to me***"[84]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tikkonferma li din kienet deċiżjoni li ħadet hi stess u li kienet ħasbet ħafna dwarha, u li ma kienitx influwenzata minn xi ħadd biex tieħu din id-deċiżjoni. Fuq domanda tal-Qorti jekk ix-xhud tridx li taħfirlu jew li dawn il-proċeduri jieqfu, issostni li riedet taħfer lill-imputat. Fuq domanda tal-Qorti jekk rieditx xi forma ta' protezzjoni x-xhud twieġeb "***no, I do not think so no***"[85]. Mistoqsija għal darb' oħra jekk tridx li dawn il-proċeduri jieqfu, jew li taħfirlu biex din il-Qorti turi klemenza mal-imputat, ix-xhud ittenni li tixtieq taħfer lill-imputat, "***and hope there will be no next time***"[86]. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tgħid li tifhem li jekk il-Qorti taċċetta t-talba tagħha, dawn il-proċeduri jieqfu darb' għal dejjem u ma jistgħux jerġgħu jitqajjmu, u mistoqsija jekk rieditx iktar żmien sabiex taħsibha u

[83] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 104K *et seq* tal-proċess
[84] Ara a fol 104L tal-proċess
[85] Ara a fol 104L tal-proċess
[86] Ara a fol 104M tal-proċess

tikkonferma l-intendiment tagħha fis-seduta ta' wara, x-xhud tgħid li ma taħsibx li għandha bżonn aktar żmien. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tgħid li m'għadhiex tgħix mal-imputat u tgħix f'residenza oħra tagħha, u mistoqsija jekk għadhiex f'relazzjoni mal-imputat tistqarr li ma tafx eżatt f'dan l-istadju. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud tgħid li tifhem li jekk il-Qorti tilqa' t-talba tagħha, ma tkunx tista' toffrilha protezzjoni għaliex ma tkunx tista' tingħata sentenza dwar dawn il-proċeduri. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tikkonferma li kien inċidenti oħra, u hi ħafritlu u ma kienitx għamlet rapporti dwarhom, iżda ssostni li din id-darba kienet l-aħħar darba, u tgħid li jekk iddeċieda li jagħmel xi ħaġa ħażina, kienet unikament deċiżjoni tiegħu. Wara li l-Qorti fakkret lix-xhud li xogħlha huwa li tipprevjeni li dawn l-inċidenti jirrepetu ruħhom jew li tiġri xi ħaġa agħar, ix-xhud tgħid li tittama li dan ma jerġax jiġri, u li "***a lot depends on him, how he will behave***"[87];

PC 100 Glenn Agius jixhed waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2024[88] li nhar it-2 ta' Mejju 2024 fit-08:30hrs, intalbu jmorru fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, fejn kien għadu kemm sar rapport ta' vjolenza domestika u kif waslu raw lill-vittma OMISSIS li kellha ġrieħi f'wiċċha u ftit tal-ħin wara, lil Mohammed Ali Yousuf Nour, **li x-xhud jidentifikah bħala l-imputat preżenti fl-awla**. Ix-xhud jispjega li aktar tard kienet imsejħa Ambulanza sabiex tassisti lill-vittma u s-Surġent 233 informa lid-*DV Unit* u aktar tard, l-Ispettur ordna li Mohammed Ali Yousuf Nour ikun arrestat, liema arrest sar għall-ħabta tad-09:00hrs. Ix-xhud jispjega wkoll li saret tfittxija fid-dar tal-imputat sabiex jinstabu dokumenti, u wara dan l-imputat ittieħed lejn il-*lock-up* mix-xhud u s-Surġent, u l-vittma ttieħdet l-Isptar għal aktar kura. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jgħid li fuq il-post kienu hu, PC 207 u PS, u jżid jgħid li l-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu "***u anka bil-miktub***"[89]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jgħid li ma kellux involviment ulterjuri iżda jgħid li wara li arrestawh, kien eskortat lejn l-aktar Għassa viċin, u kien ittieħed il-*lock-up* fuq struzzjonijiet mogħtija mis-Sezzjoni tad-*DV Unit*;

[87] Ara a fol 104N tal-proċess
[88] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 113a *et seq* tal-proċess
[89] Ara a fol 113b tal-proċess

In kontroeżami, x-xhud jikkonferma li hu u żewġ kollegi tiegħu marru fuq il-post, u fuq domanda tad-Difiża x-xhud jispjega li lill-*Parte Civile* kellmitha PC 207 "***li tkellmet mara ma' mara***"[90], u x-xhud qagħad mal-imputat sakemm is-Surġent ħa l-verżjonijiet sabiex jistabbilixxi eżattament x'kien ġara. Fuq domanda tad-Difiża, ix-xhud jgħid li meta l-imputat kien mistoqsi dwar l-inċident u għalfejn il-vittma kellha l-ġrieħi f'wiċċha, l-imputat qalilhom li kienet waqgħet, u jikkonferma li daqshekk biss qalilhom. Mistoqsi jekk dan kienx biżżejjed sabiex l-imputat ikun arrestat, ix-xhud jispjega li hu mexa fuq struzzjonijiet tal-Ispettur, u hu kien hemmhekk biex jassisti lis-Surġent "***u ġie mittieħed ħabba ġrieħi li ma ġrawx bil-waqgħa, li qalilna hu***"[91], u jżid jgħid li kien hemm Ambulanza fuq il-post. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud jispjega li hu ma kienx ħa notamenti ta' dak li ntqal mill-imputat iżda kien qiegħed jieħu n-noti s-Surġent, u dawn in-noti kienu referuti lid-*DV Unit*;

In rieżami x-xhud jgħid li huma kienu qiegħdin fi Triq Salvu Psaila quddiem il-ħanut *Abelson* li skont ix-xhud kien "***qisu ironmongery imma ma nafx, għax ma dħaltx ġewwa***"[92];

PC 207 Sherise Caruana tixhed waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2024[93] li nhar it-2 ta' Mejju 2024 l-Għassa ta' Birkirkara kienet infurmata li fi Triq Salvu Psaila f'ħanut jismu *Ableson* kien għadu kemm seħħ każ ta' vjolenza domestika, u x-xhud flimkien ma' PS 233 u PC 100 irrikorrew fuq il-post. Ix-xhud tispjega li mill-ewwel osservazzjonijiet tagħha setgħet tara persuna femminili li kellha ġrieħi ma' wiċċha li kienet identifikata bħala OMISSIS. Ix-xhud tispjega li staqsiet lil Calleja jekk kellhiex bżonn assistenza medika u hi aċċettat, u għalhekk ix-xhud ċemplet 112 għal Ambulanza li ġiet fuq il-post, u sakemm kienu qed jistennew l-Ambulanza, Calleja stqarret max-xhud li l-ġurnata ta' qabel il-*partner* tagħha kien sawwatha u kienet beżgħet tirrapportah, iżda qalet li xtaqet tkompli bir-rapport tagħha. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tgħid li baqgħet ma' Calleja u ma kellmitx lill-aggressur, u tgħid ukoll li ma kellhiex involviment ulterjuri. Mistoqsija jekk ratux fuq il-

[90] Ara a fol 113c tal-proċess
[91] Ara a fol 113c tal-proċess
[92] Ara a fol 113D tal-proċess
[93] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 113E *et seq* tal-proċess

post, ix-xhud tgħid li kienet rat persuna maskili bilqiegħda barra l-ħanut, u rat lill-kollegi tagħha li marru jkellmuh. **F'dan l-istadju x-xhud tindika lill-persuna li kienet bilqiegħda barra l-ħanut bħala l-imputat preżenti fl-awla**;

In kontroeżami x-xhud tikkonferma li ħadet nota ta' dak li qalet OMISSIS biss, u tikkonferma wkoll li hi ma kellmitx lill-imputat;

L-Ispettur Colin Sheldon jixhed waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2024[94] li nhar it-2 ta' Mejju 2024 is-Sezzjoni tad-*DV Unit* irċevew telefonata min-naħa tal-Għassa ta' Birkirkara u Surġent infurmahom li kien hemm persuna li dehret li ġarrbet xi ġrieħi wara li allegatament kienet imsawwta. It-telefonata kienet ġiet mingħand sid il-ħanut *Abelson* fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, viċin l-istabbiliment *Andrew's Bar* fl-istess triq. Ix-xhud jispjega li s-Surġent kien staqsa lil OMISSIS jekk kellhiex bżonn għajnuna medika minħabba l-ġrieħi, u ċempel għal Ambulanza. Ix-xhud jgħid ukoll li s-Surġent li kien mar fuq il-post kien akkumpanjat minn żewġ Kuntistabbli oħra u informa lis-Sezzjoni tad-DV li OMISSIS kienet ser tittieħed l-Isptar Mater Dei għal aktar kura. Is-Surġent informa lix-xhud li kien hemm l-allegat aggressur u ċioe' ċertu Mohammed Ali Yousuf Nour wara li qal li OMISSIS kienet sofriet ammont ta' ġrieħi viżibbli, u x-xhud ta struzzjonijiet sabiex Mohammed ikun arrestat u hekk seħħ;

Ix-xhud ikompli jispjega li s-Surġent ħa lil Mohammed l-Għassa, irreġistrah u skortawh lejn il-*lock-up* ġewwa l-Furjana għal aktar investigazzjonijiet li għamel ix-xhud. Ix-xhud jgħid li kif semma qabel, OMISSIS ttieħdet ġewwa l-Isptar Mater Dei u min-naħa tas-Sezzjoni tax-xhud, PC 2108 u PC 402 marru l-Isptar Mater Dei sabiex jeħdulha rapport. Ix-xhud jispjega li għall-ewwel ma setgħetx titkellem għaliex kienet taħt xokk u kienet muġugħa, u aktar tard ħadulha r-rapport tagħha u fuq il-post marru wkoll ir-*risk assessors* li, għalkemm għall-ewwel bdiet tirrispondi d-domandi tagħhom kienet għajjiena u talbet li tkompli aktar tard. Wara li ttieħed ir-*risk assessment*, li rriżulta f'punteġġ ta' 18, li x-xhud jispjega huwa kkunsidrat bħala għoli, PC 2108 ħadet ritratti li kellha l-vittma f'wiċċha bil-kunsens tagħha li huma esebiti in atti;

[94] Ara x-xhieda tiegħu waqt l-istess seduta a fol 113H *et seq* tal-proċess

Ix-xhud ikompli jispjega li Mohammed kien mitkellem dakinhar stess tat-2 ta' Mejju 2024 wara li ngħata d-drittijiet kollha tiegħu, ikkonsulta mal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Martin Fenech u ttieħdet l-Istqarrija Awdjo Viżwali tiegħu fit-2 ta' Mejju 2024, u l-istess Avukat baqa' jassistih matul il-ġurnata kollha u anke l-għada meta tressaq il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2024. Ix-xhud jispjega li meta Mohammed tressaq il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2024, iddikjara li mhux ħati u għamel talba għall-ħelsien mill-arrest li ma kienitx milqugħa u baqa' detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Ix-xhud jgħid ukoll li minn eżamijiet mediċi li saru fuq il-vittma rriżulta li OMISSIS kienet sofriet ġrieħi ta' natura gravi. Ix-xhud jikkonferma li Dok MYN1 a fol 12 sa 15 tal-proċess huwa rapport tal-NPS bir-referenza GBDV 145/2024. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jikkonferma li għamel aġġornament fl-istess rapport wara li l-Pulizija rċeviet ċertifikat mediku min-naħa tat-Tabiba Dr. Francesca Camilleri (MR: 4249), li ddikjarat li l-ġrieħi sofferti minn OMISSIS huma ta' natura gravi. Ix-xhud jispjega wkoll li għamel aġġornament li Mohammed kien kellem lill-Avukat Dr. Martin Fenech qabel ma ttieħdet l-Istqarrija, u x-xhud informa lill-Avukat Ġenerali minħabba n-natura tal-ġrieħi u tkellem mal-Avukat Dr. Jurgen Dalli;

Ix-xhud jiffirma fuq l-aġġornamenti li għamel fir-rapport immarkat bħala Dok MYN1 a fol 12 sa 15 tal-proċess, u jagħraf il-parti tal-istess dokument a fol 16 sa 17 bħala r-rapport tal-NPS li kien referut lis-Sezzjoni tad-DV min-naħa tal-Għassa ta' Birkirkara, u jiddettalja l-involviment tal-Pulizija ta' Birkirkara u li din il-Qorti semgħet ix-xhieda tagħhom. Ix-xhud jagħraf Dok MYN2 bħala ċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-Tabiba Dr. Francesca Camilleri, li permezz tiegħu iddikjarat li OMISSIS kienet sofriet ġrieħi ta' natura gravi, u jagħraf Dok MYN3 bħala l-NPS Personal Details tal-akkużat Mohammed Ali Yousuf Nour, u Dok MYN4 bħala l-Fedina Penali tal-akkużat. Ix-xhud jagħraf Dok MYN5 bħala Referral Form for Domestic Violence u Risk Assessment, Dok MYN6 bħala paġna li kien fiha l-Istqarrija Awdjo Viżwali li kienet irtirata mill-espert tal-Qorti sabiex tkun traskritta, u Dok MYN7 bħala r-ritratti esebiti tal-ġrieħi li kellha OMISSIS;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li waqt l-Istqarrija kien hemm preżenti x-xhud innifsu u Pulizija li jaħdmu miegħu fl-uffiċċju tiegħu. Ix-xhud f'dan l-istadju

jippreżenta żewġ dokumenti oħra li ġew fil-pussess tiegħu aktar tard, u ċioe' Karta tal-Identita' ta' Mohammed Ali Yousuf Nour bin-numru 40981A immarkat bħala Dok CNS1, Passport Malti "***Alien Passport***"[95] ta' Mohammed Ali Yousuf Nour immarkat bħala Dok CNS2, u *Temporary Humanitarian Protection* skadut ta' Mohammed Ali Yousuf Nour immarkat bħala Dok CNS3;

**Ix-xhud f'dan l-istadju jindika lill-imputat preżenti fl-awla**;

**L-Ispettur Colin Sheldon** jixhed għal darb' oħra waqt is-seduta tal-21 t'Awwissu 2024[96] li fit-2 ta' Mejju 2024 kien qiegħed fl-uffiċċju, u rċevew telefonata mill-Għassa ta' Birkirkara, u s-Surġent li kien fuq il-post, PS 233, kien infurmahom li kien hemm mara, ċerta OMISSIS, li kienet tinsab viċin il-ħanut *Abelson* ġewwa Psaila Street, Birkirkara, li deher li kellha xi ġrieħi u talbet l-assistenza t'Avukat. Is-Surġent informa lix-xhud fuq il-post kien hemm ukoll l-allegat aggressur, ċertu Yousuf Nour Ali Mohammed, u kien qiegħed ħdejn din il-persuna u talab l-istruzzjonijiet għaliex l-inċident kien sar fl-ambitu ta' vjolenza domestika. Ix-xhud jispjega li meta sar jaf li kien hemm bżonn intervent mediku permezz t'Ambulanza, u li kien hemm l-allegat aggressur preżenti fuq il-post, ta struzzjonijiet lil PS 233 sabiex jarresta lil Mohammed, u hekk seħħ, kien reġistrat u ttieħed il-*lock-up* ġewwa l-Furjana. Ix-xhud jispjega wkoll li ta struzzjonijiet sabiex jittieħed ir-rapport tal-vittma OMISSIS minn PC 2108 Dana Sultana u PS 402 Andre' Mifsud ġewwa l-Isptar Mater Dei, iżda meta marru hemm, il-vittma għall-ewwel kienet kemmxejn konfuża u spjegawlha qabel ma ttieħed ir-rapport, li minnu ħarġu dettalji u ttieħdu xi ritratti tal-ġrieħi li jinsabu esebiti fl-atti;

F'dan l-istadju x-xhud jikkonferma r-ritratti li jinsabu esebiti fl-atti bħala Dok MYN1 a fol 42 tal-proċess u jikkonferma li huma r-ritratti li ttieħdu u xehdet dwarhom il-Pulizija li ħadithom, u jagħrafhom bħala l-istess ritratti li x-xhud għadda lill-Qorti. Ix-xhud jispjega li fl-Isptar Mater Dei marru wkoll ir-*risk assessors* li spjegaw lill-vittma l-proċedura tar-*risk assessment* Jodie Baldacchino u Pavel Cuschieri, u jżid li l-vittma kienet għadha għajjiena għaliex l-inċident kien sar bil-lejl, u ttieħed ir-*risk assessment*, li rriżulta *high risk*

---

[95] Ara a fol 113K tal-proċess

[96] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 119A *et seq* tal-proċess

b'punteġġ ta' 18, u x-xhud jikkonferma u jinsab esebit fl-atti a fol 22 sa 40 tal-proċess. Ix-xhud jikkonferma wkoll li kien mgħoddi lilu ċertifikat mediku mill-Isptar Mater Dei maħruġ minn Dr. Franscesca Camilleri 4249, li OMISSIS kienet soffriet ġrieħi ta' natura gravi, liema ċertifikat jinsab esebit fl-atti a fol 19 u mmarkat bħala Dok MYN2;

Ix-xhud jispjega li wara din l-informazzjoni kollha kellem lil Mohammed sabiex jara riedx Avukat qabel ma tittieħed l-Istqarrija peress li kien diġa' l-*lock-up*, u għalkemm għall-ewwel irrifjuta, għażel li jikkonsulta mal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Martin Fenech. Ix-xhud jispjega li l-Avukat kien assista lil Mohammed fuq it-telefon u ttieħdet l-Istqarrija, u l-għada t-3 ta' Mejju 2024, Mohammed tressaq il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohammed Ali Yousuf Nour*, u talab għall-ħelsien mill-arrest iżda l-Qorti ċaħdet it-talba u hu baqa' detenut Kordin, u kien għadu hemmhekk sal-ġurnata tax-xhieda tal-istess xhud. **F'dan l-istadju x-xhud jindika lill-imputat preżenti fl-awla**;

Ix-xhud jagħraf u jikkonferma numru ta' dokumenti, fosthom ir-rapport tal-NPS bir-referenza GBDV 1145/2024 li kien imħejji minn PC 2108 Dana Sultana fl-Isptar Mater Dei a fol 12 sa 15 tal-proċess; ir-rapport tal-NPS bir-referenza 9 POL 3001/2024 a fol 16 sa 18 tal-proċess li huwa r-rapport imħejji mill-Pulizija tad-Distrett ta' Birkirkara li marru fuq il-post u taw assistenza lil OMISSIS u segwew l-arrest ta' Moahmmed Nour; iċ-ċertifikat mediku ta' OMISSIS a fol 19 tal-proċess li x-xhud jispjega li kkonferma diġa'; il-Fedina Penali ta' Mohammed Yousuf Nour a fol 21 tal-proċess; ir-*risk assessment* li x-xhud jispjega li diġa' kkonfermah, kif ukoll ir-ritratti; u paġna a fol 41 bl-Istqarrija Awdjo Viżwali li kienet irtirata mill-espert Dr. Alexandra Mamo; ir-*residence card* tal-akkuzat a fol 114 tal-proċess esebita f'*envelope*; il-passaport ta' Mohammed Yousuf Nour esebit a fol 115 tal-proċess, u *Temporary Humanitarian Protection Card* skaduta a fol 116 tal-proċess;

**L-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino** jixhed waqt is-seduta tat-30 t'Ottubru 2024[97] li jispjega li kien inkarigat sabiex jeżamina lil OMISSIS u jikkonferma li l-vittma sofriet minn ġrieħi ta' natura gravi li ħallew marka permanenti fuq il-wiċċ li jidher. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, **x-xhud jindika lill-vittma preżenti fl-awla**;

[97] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 143A *et seq* tal-proċess

Fuq domanda tal-Qorti x-xhud jiddeskrivi l-ġrieħi permanenti bħala "***ċikkatrici hemmhekk fuq il-line, fejn kellha bżonn punti u fuq in-naħa l-oħra wkoll***"[98] u jirreferi għaliha bħala "a permanent wide scar" li tidher, u f'dan l-istadju jippreżenta r-relazzjoni tiegħu bħala Dok EBC1;

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud jikkonferma li l-ġerħa permanenti hija tali li "***Jekk tkun qed tħares lejha wiċċ imb' wiċċ tara mal-ewwel***"[99], u jikkonferma wkoll li din il-ġerħa m'hijiex waħda li tgħaddi biż-żmien minħabba l-punti li kellha. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud jikkonferma li l-ġerħa hija viżibbli "***from a talking distance***"[100] u jara li "***għandha ċikkatriċi permanenti fuq il-line tax-xellug u għandha naqra wkoll fuq il-line tal-lemin***"[101];

**L-espert tal-Qorti Dr. Alexandra Mamo** tixhed waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024[102] li fil-15 ta' Mejju 2024 kienet inkarigata minn din il-Qorti sabiex tittraskrivi l-Istqarrija Awdjo viżwali ta' Yousef Nour Mohammed Ali li kienet esebita fl-atti bħala Dok MYN6 a fol 41 tal-proċess, liema Stqarrija kienet rilaxxjata lill-Pulizija nhar it-2 ta' Mejju 2024. Ix-xhud tiddikjara li espletat dan l-inkarigu u tippreżenta t-traskrizzjoni mħejjija minnha u rritornat is-CD mmarkata bħala Dok MYN6. Ix-xhud tistqarr li kellha diffikulta' kbira biex tifhem u tiddeċifra dak li kien qed jingħad mill-imputat, u li għamlet ħilitha kollha iżda mhux dejjem irnexxielha. F'dan l-istadju x-xhud taħlef li fedelment qdiet l-inkarigu mogħti lilha bl-aħjar ħila u abbilta' pero' kien hemm istanzi li ma bdietx tifhem x'kien qed jingħad, u tispjega li għalhekk ħadet fit-tul sabiex tespleta l-inkarigu tagħha, u tikkonferma l-kontenut tal-istess traskrizzjoni bil-ġurament u ppromettiet li tgħaddi kopja ta' din it-traskrizzjoni permezz t'*email* lill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2025;

---

[98] Ara a fol 143A tal-proċess
[99] Ara a fol 143B tal-proċess
[100] Ara a fol 143C tal-proċess
[101] Ara a fol 143C tal-proċess
[102] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 166A *et seq* tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli bejn il-ħdax ta' filgħaxija (23:00) tal-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024) u t-tlieta ta' filgħodu (03:00) tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024), ġewwa '25, St'Antnin Street Birkirkara' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS**, liema offiża saret fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) *ossia* l-imsemmija persuna li kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat u/jew il-persuna msemmija li qiegħda jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **OMISSIS** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta, kien akkużat ukoll talli talli nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024) fit-tmienja ta' filgħodu (08:00) u/jew fis-sigħat, fil-ġranet, fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel, ġewwa '25, St'Antnin Street Birkirkara' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil **OMISSIS** u/jew ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal **OMISSIS** liema delitt twettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettaq minn persuna li tgħix mal-vittma, twettaq ripetutament u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil **OMISSIS** biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettaq minn persuna li tgħix mal-vittma, twettaq ripetutament u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **OMISSIS** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Qabel ma tgħaddi sabiex titratta dwar il-mertu ta' kull imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat huma tali li jinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***Vjolenza Domestika***" kif imfissra l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kompletezza ser tkun riprodotta hawn taħt:

***"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni***

***intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.***

Referenza ssir ukoll għad-definizzjoni ta' "***familja jew unita' domestika***" hekk kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu, senjatament is-subartikolu (d), li jipprovdu s-segwenti:
***2. (d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima***;

Minn eżami tal-atti u mill-provi prodotti, joħroġ biċ-ċar lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fiż-żmien tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri l-*Parte Civile* u l-imputat kienu f'relazzjoni, bil-*Parte Civile* stess issemmi kienu ilhom f'relazzjoni ma' xulxin għal madwar sentejn. Fil-fatt, din ir-relazzjoni li għandhom bejniethom il-partijiet hija waħda mill-fatturi li jpoġġi l-inċident fil-parametri tat-tifsira ta' vjolenza domestika kkwotata aktar 'il fuq;

Din il-Qorti tosserva wkoll li mix-xhieda prodotti, il-verżjoni mogħtija mill-*Parte Civile* f'dawn il-proċeduri hija waħda verosimili għal dak li seħħ fl-inċident fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 u dan *stante* l-fatt li apparti x-xhieda tagħha, li baqgħet konsistenti u kienet ikkoroborata minn xhieda oħra mtella' mill-Prosekuzzjoni, inkluż il-membri tal-Korp tal-Pulizija involuti fl-investigazzjoni, it-tobba li eżaminawha inkluż l-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino, kif ukoll dak li jingħad mir-*Risk Assessors* fir-rapport tagħhom fir-rigward tal-*Parte Civile*. Għaldaqstant, *ai fini* tal-mertu ta' dawn il-proċeduri, din il-Qorti ser tkun qed tibbaża r-raġunament tagħha fuq ix-xhieda tal-*Parte Civile* u dan *stante* li hija moralment konvinta li l-verżjoni tagħha għandha mis-sewwa *ai termini* tal-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tqis li tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt kien ipprovat minn żewġ xhieda jew aktar;

*Ai fini* ta' koerenza, għalkemm tqis li r-raġunar tagħha kif imsemmi aktar 'il fuq huwa applikabbli għal kull imputazzjoni, din il-Qorti ser tkun qed tittratta l-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet f'żewġ sezzjonijiet, bl-ewwel waħda tkun rigward l-inċident tal-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 sat-03:00hrs tat-2 ta' Mejju 2024, u t-tieni sezzjoni tkun rigward dak li seħħ fit-2 ta' Mejju 2024 u/jew fis-siegħat, ġranet, xhur u/jew snin ta' qabel;

**A. L-Ewwel Sezzjoni – l-1 ta' Mejju 2024 fil-23:00hrs sat-2 ta' Mejju 2024 fit-03:00hrs:**

**L-Ewwel Imputazzjoni – Grieħi ta' Natura Gravi fuq il-Persuna tas-sieħba tiegħu OMISSIS**

Rigward din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 218(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 202(h)(v) u l-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu s-segwenti:

***214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.***

***215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.***

***218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –***
***(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***

***222. (1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –***

***(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);***
***202. Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:***

***(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':***

***(v) xi persuna oħra li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat;***

***(vi) persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;***

Din il-Qorti tibda biex tqis li kif intqal aktar 'il fuq, m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita l-verżjoni tal-*Parte Civile* rigward dak li seħħ fl-inċident mertu ta' din l-imputazzjoni. Il-*Parte Civile* tikkonferma li fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 hi u l-imputat kienu qiegħdin jixorbu fir-residenza tal-imputat u ċioe' 25, Triq Sant' Antnin, Birkirkara, u li kienet qed tgħix mal-imputat. Għalkemm tiddeskrivi ir-relazzjoni tagħha mal-imputat bħala waħda li tibda, tieqaf u tibda mill-ġdid minħabba l-argumenti li kienu ikollhom, issostni li matul dan il-perjodu ta' sentejn kienu f'relazzjoni, liema perjodu jinkludi wkoll iż-żmien mertu ta' din l-imputazzjoni;

Il-*Parte Civile* tispjega wkoll kif tard filgħaxija fl-istess jum, waqt li kienu qed jixorbu l-vodka u jiċċelebraw, ħin minnhom inqala' argument bejniethom u l-imputat beda joffendiha, jkellimha ħażin u jgħajjarha "***bitch***"[103], "***slut***"[104] u mara ħażina. Aktar minn hekk l-imputat beda anke jħebb għall-*Parte Civile*, u sofriet daqqiet fuq rasha kollha u fuq daharha. Waqt ix-xhieda tagħha l-*Parte Civile* tikkonferma l-kontentut ta' Dok MYN7[105] li tagħrfu bħala sett ritratti li ttieħdula minn tal-*Victim Support Unit* nhar it-2 ta' Mejju 2024[106], u tikkonferma wkoll li huma ritratti tal-ġrieħi li sofriet fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024 mill-imputat f'diversi partijiet ta' ġisimha, u tikkonferma wkoll li dawn ir-ritratti kienu ttieħdu wara xulxin u huma relatati mal-istess inċident. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti tqis li n-ness bejn l-imputat u dan l-akkadut kien ipprovat sal-grad rikjest;

A rigward in-natura tal-ġrieħi sofferti, din il-Qorti tqis l-prova reġina f'dan is-sens hija x-xhieda tal-*Parte Civile* li, apparti li tikkonferma li kien l-imputat li kkaġunalha dawn il-

[103] Ara a fol 60 tal-proċess
[104] Ara a fol 60 tal-proċess
[105] Ara a fol 42 tal-proċess
[106] Ix-xhud PC 2108 Dana Sultana tikkonferma li kienet hi li ħadet ir-ritratti f'Dok MYN7 bil-kunsens tal-*Parte Civile*

ġrieħi kif spjegat aktar 'il fuq, meta murija Dok MYN2[107], tagħrfu bħala ċ-ċertifikat mediku maħruġ fir-rigward tagħha nhar it-2 ta' Mejju 2024. Il-kontenut ta' dan id-dokument kien ikkonfermat bil-ġurament mit-Tabiba li ħarġitu Dr. Francesca Camilleri (MR: 4249) li huwa ta' natura gravi. *In oltre*, din il-Qorti tara li permezz tar-relazzjoni tal-espert mediko-legali Dr. Edward Basile Cherubino esebita fl-atti bħala Dok ECB1[108], hemm konferma oġġettiva li l-ġrieħi sofferti mill-*Parte Civile* mhux biss huma ta' natura gravi, iżda wkoll bil-permanenza, u jiddeskrivi kif il-*Parte Civile* għandha ċikkatriċi fil-wiċċ li huma viżibbli ***"from a talking distance"*** [109];

Għaldaqstant, mill-preponderanza tal-provi prodotti, l-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tinkwadra ruħha b'mod ċar fid-dettami tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta dwar sfreġju gravi u permanenti **fil-wiċċ**[110], fl-għonq jew fl-idejn, kif ukoll l-aggravju msemmi fl-Artikolu 222(1)(a) tal-istess Kapitolu. Dan jirriżulta *stante* li l-*Parte Civile*, persuna li kienet f'relazzjoni mal-imputat u li kienet tgħix fl-istess residenza miegħu, hija persuna msemmija fl-Artikolu 202(h)(v) u l-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata f'dan ir-rigward ukoll;

**It-Tieni Imputazzjoni -Ħebb fil-konfront OMISSIS**

Rigward l-imputazzjoni odjerna l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***339. (1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-***

***(d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;***

[107] Ara a fol 19 tal-proċess
[108] Ara a fol 144 *et seq* tal-proċess
[109] Ara a fol 143C tal-proċess
[110] Enfasi tal-Qorti

Din il-Qorti tibda biex tosserva li mill-provi prodotti u mill-kunsiderazzjonijiet tagħha aktar ‘il fuq, din l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest, pero’ għandu jingħad li *stante* li l-ewwel imputazzjoni kienet ukoll sodisfaċentement ipprovata, u *stante* li titratta reat li jaqa’ fil-parametri ta’ “***fatt [li] jaqa’ taħt…dispożizzjoni oħra***” fil-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni hija kompriża fl-ewwel imputazzjoni, u għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

**<u>It-Tielet Imputazzjoni – Inġurji u Theddid fil-konfront ta’ OMISSIS</u>**

Rigward din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddisponi s-segwenti:

***339. (1) Huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-***
***(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’ oħra f’dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b’mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;***

Dwar din l-imputazzjoni din il-Qorti tqis li sabiex tkun sodisfaċentement ipprovata, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jikkaġuna turbament fil-*Parte Civile*. Dan il-prinċipju kien diskuss fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Gauci</u>**, li fiha l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ssostni s-segwenti:

***Biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-<u>kliem, ġesti jew b’mod ieħor</u>***[111][112] ***– xi forma ta’ ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b’xi grad ta’ preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f’dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid:*** **“…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica**

[111] Fid-dottrina wieħed isib referenza għal minaċċa espliċita u impliċita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista’ jkun hemm ukoll minaċċa kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodiċi Kriminali.
[112] Enfasi tal-Qorti

**ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace*"*[113]. *Pero' dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bażi oġġettiva.***[114]

Mill-provi prodotti, jirriżulta li wara li l-imputat u l-*Parte Civile* kienu qegħdin jixorbu u jiċċelebraw fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024, ħin minnhom inqala' argument bejniethom u l-imputat beda jirrabja, jinsulenta lill-*Parte Civile*, jkellimha ħażin u jgħajjarha "***bitch***"[115], "***slut***"[116] u li hija mara ħażina fost insulti oħra, u wara dan qabad jaggrediha li, minn kif diġa' stabbilit, wassal għal ġrieħi ta' natura gravi b'permanenza, u l-*Parte Civile* tistqarr li ħassitha "***shaken***"[117] b'dan kollu għaliex ma kienitx qed tistenniha mingħandu. Il-*Parte Civile* tispjega li dan l-inċident dam għaddej madwar tlieta jew erba' sigħat, u tgħid li għalkemm kien deher li kkalma ftit u waqaf, jidher li ħin minnhom reġa' rrabja u għal darb' oħra qabad jgħajjarha, joffendiha u jkellimha ħażin, u saħansitra reġa' beda jaggrediha; Minn dan kollu, din il-Qorti tqis li l-aġir tal-imputat, partikolarment bil-vjolenza li uża u l-insulti fil-konfront tagħha kif tispjega l-*Parte Civile* fix-xhieda tagħha, kien biżżejjed sabiex jikkaġunalha turbament. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest;

**B. It-Tieni Sezzjoni – it-2 ta' Mejju 2024 fit-08:00hrs u/jew fis-sigħat, ġranet, xhur u/jew snin ta' qabel**

<u>**L-Ewwel Imputazzjoni – Fastidju fuq OMISSIS**</u>

Rigward din l-imputazzjoni l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), u l-Artikolu 251H(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu s-segwenti:

---

[113] Antolisei, F. Manuale di Diritto Penali – Part Speciale I Giuffre` (Milano), 1986, p. 140
[114] Appell Nru. 28/2003, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Vincent De Gaetano LL.D. nhar it-12 ta' Ġunju 2003, paġna 3
[115] Ara a fol 60 tal-proċess
[116] Ara a fol 60 tal-proċess
[117] Ara a fol 68 tal-proċess

***251A. (1) Persuna li:***

***(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew***

***(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;***
***tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.***

***251H. Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:***

***(a) id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha:***

***Iżda f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi persuna li ż-żwieġ tagħha mal-akkużat ġie xolt jew ġie dikjarat null;***

***(b) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament;***

***(f) twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;***
Din il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marcus Agius**[118], li fiha l-Qorti tal-Appell Kriminali ssostni li ġej rigward il-fastidju:

***Illi, l-ewwel akkuża dedotta kontra l-appellant hija dik tal-fastidju, reat imfassal fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, li fir-rigward teżisti ġurisprudenza kopjuża u dina l-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnha nhar it-8 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Ahmad Yassine" fejn ġie ritenut illi -***

[118] Appell Nru. 18/2024, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġna 4-5

***Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-leġislatur fittex sabiex tiġi issanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali. "Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:***

***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and farreaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with <u>conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable</u>.***[119]

***<u>Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct'</u>:***[120] ***Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons <u>should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others;</u>***[121] ***and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."***[122]

[119] Enfasi tal-Qorti
[120] Enfasi tal-Qorti
[121] Enfasi tal-Qorti
[122] Il-Pulizija vs Carmelo Vella, deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-14 ta' Mejju 2012.

***Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lil vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..***[123]

***Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:***

***'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :-***

***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",***[124]
***...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-***
***".... f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-Inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien."***

***Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero' li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.***

[123] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini
[124] Enfasi tal-Qorti

Tenut kont dan l-insenjament għalhekk, sabiex tirriżulta din l-imputazzjoni, irid ikun stabbilit jekk l-imġieba tal-imputat kienitx tali li permezz tagħha l-*Parte Civile* ħassitha fastidjata, u ċioe' li fuq medda ta' żmien (*course of conduct*) ħassithiex immolestjata u, jew ivvessata;

Mill-provi prodotti, senjatament ix-xhieda tal-*Parte Civile*, jirriżulta li hi u l-imputat kienu ilhom f'relazzjoni ma' xulxin għal madwar sentejn, li għalhekk tibda biex tistabbilixxi r-retroxena msemmija fis-sentenza kkwotata aktar 'il fuq, u r-riżultanza *o meno* ta' din l-imputazzjoni trid tittieħed f'dan il-kuntest. Il-*Parte Civile* tixhed li għall-bidu r-relazzjoni bejnha u l-imputat kienet mhux ħażin ("***not bad***"[125]) għaliex sa dak l-istadju kien hemm inċident wieħed biss, u li dan il-perjodu dam għal xi xhur. Tgħid però li wara dan il-perjodu, l-imputat beda jaggrediha kull ġimgħa, u mbagħad kull xahar, u wara ftit tal-jiem kien iċemplilha biex jiskuża ruħu u jgħidilha tmur lura għandu, u tiddeskrivi dawn l-inċidenti li ġraw matul dawn is-sentejn ta' relazzjoni bħala simili għal dak li seħħ fil-lejl tal-1 ta' Mejju 2024, iżda mhux fuq l-istess livell. Dan kollu għalhekk jindika livell ta' frekwenza u anke jinkwadra ruħu fid-definizzjoni ta' *course of conduct stante* li kien ripetut u anke persistenti, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien sar b'raġuni leġittima, liema aġir wassal sabiex il-*Parte Civile* tħossha allarmata u tħoss "***substantial emotional distress***" kif imsemmi fis-sentenza kkwotata sopra;
Għalhekk din il-Qorti tara li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kien kulminazzjoni u eskalazzjoni ta' dak li kien qiegħed iseħħ b'mod regolari matul il-perjodu ta' sentejn li l-partijiet għamlu f'relazzjoni ma' xulxin;

Rigward l-aggravji addebitati lil din l-imputazzjoni, mix-xhieda tal-*Parte Civile* din il-Qorti tara li huwa ċar kif dawn jirriżultaw, u dan *stante* li tikkonferma li kienet f'relazzjoni mal-imputat, li kienet għamlet diversi perjodi tgħix miegħu fl-istess residenza inkluż meta seħħ l-inċident fl-1 ta' Mejju 2024, li l-aġir kien wieħed ripetut, u li twettqet vjolenza waqt it-twettiq ta' dan ir-reat, b'dan kollu jikkulmina fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;

---

[125] Ara a fol 72 tal-proċess

Għaldaqstant din il-Qorti tara l-elementi rikjesti sabiex jirriżulta l-fastidju da parti tal-imputat fil-konfront tal-*Parte Civile* kienu sodisfaċentement ipprovati, u għalhekk l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest;

**<u>It-Tieni Imputazzjoni – Imġiba li kkaġunat biża' ta' vjolenza fuq OMISSIS</u>**

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b) u l-Artikolu 251H(f), li jipprovdu s-segwenti:

***251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.***

***251H. Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:***
***(a) id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha:***
***Iżda f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi persuna li ż-żwieġ tagħha mal-akkużat ġie xolt jew ġie dikjarat null;***
***(b) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament;***
***(f) twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;***

Din il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Keith Xerri) v. Peter Paul Azzopardi**[126], li fiha din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

***Jibda biex jingħad li element fundamentali għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-artikolu 251B huwa li jrid jkun hemm "a course of conduct" da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'din id-disposizzjoni tal-liġi.***

***Fi kliem Archbold: "Two incidents can constitute a 'course of conduct 'but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct."***[127]

***Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li:***
***"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."***

***Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:***
***"How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..."***

[126] Kumpilazzjoni Nru. 170/2024, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Novembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Jean Paul Grech, paġna 6-8
[127] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

***B'rabta ma' din l-akkuża, ta' min jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis,[128] fejn il-Qorti ikkummentat li r-ratio legis tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre sempliċiment theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ "course of conduct" li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.***

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tara li l-kunsiderazzjonijiet tagħha rigward l-imputazzjoni preċedenti huma applikabbli għal din l-imputazzjoni wkoll, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-imġiba tal-imputat fil-konfront tal-*Parte Civile* fuq il-medda ta' żmien li l-partijiet kienu f'relazzjoni ma' xulxin, li minn dak li tixhed l-istess *Parte Civile* kien ikkaratterizzat minn inċidenti ta' vjolenza fil-konfront tagħha, li eventwalment ikkulminat fl-inċident ta' nhar l-1 ta' Mejju 2024. Mix-xhieda tal-*Parte Civile* jidher ċar ukoll li l-imġieba tal-imputat kellha effett fuqha, tant li minkejja li tistqarr hi stess li m'għamlitx rapporti fuq l-inċidenti l-oħra li ssemmi għaliex tħobbu u temmen fih, min-naħa l-oħra ssemmi li tħossha "***shaken***"[129] u "***Totally broken***"[130], u fil-fatt tgħid li "***through pain and tears***"[131] irrikonoxxiet li kellha tieħu l-pass sabiex tagħmel rapport fil-konfront tal-imputat, u tistqarr li tħossha kburija bil-fatt li rnexxielha tagħmel hekk;

*Di fatti*, kien fl-isfond ta' dan kollu li minkejja li l-*Parte Civile* talbet lil din il-Qorti sabiex dawn il-proċeduri jieqfu *ai termini* tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda tagħha fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024, ċaħdet it-talba tagħha *stante* li ma ħassitx li l-istess *Parte Civile* kienet se tkun salvagwardjata, u kien hemm tħassib li dan l-inċident jirrepeti ruħu;

---

[128] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.
[129] Ara a fol 68 tal-proċess
[130] Ara a fol 77 tal-proċess
[131] Ara a fol 77 tal-proċess

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest;

**<u>It-Tielet Imputazzjoni – Ħebb fil-konfront ta' OMISSIS</u>**

Rigward din l-imputazzjoni l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li ġej:

***339. (1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-***
***(d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;***

Din il-Qorti tibda biex tosserva li parti mill-perjodu msemmi f'din l-imputazzjoni huwa nkoporat fit-terminu msemmi fl-Ewwel Sezzjoni, u ċioe' l-1 ta' Mejju 2024 u t-2 ta' Mejju 2024, għalhekk kwalunkwe riżultanza ta' din l-imputazzjoni għandha teskludi dan il-perjodu. F'dan l-istadju din il-Qorti għal darb' oħra tagħmel referenza għal dak li jingħad mill-*Parte Civile*, u ċioe' l-inċidenti frekwenti ta' vjolenza fil-konfront tagħha li għaddiet minnhom matul il-perjodu ta' sentejn li hi u l-imputat għamlu f'relazzjoni ma' xulxin, u abbażi ta' dak sostnut aktar 'il fuq rigward il-verżjoni tal-*Parte Civile*, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata ad esklużjoni tal-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-2 ta' Mejju 2024 diskussi fl-Ewwel Sezzjoni;

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni – Inġurji u Theddid fil-konfront ta' OMISSIS</u>**

Dwar din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***339. (1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-***
***(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;***

F'dan l-istadju din il-Qorti tara li *stante* li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, li jirrigwardaw reati li minn kif jingħad f'dan l-Artikolu, huma "***inġurji u theddid imsemmija f'band' oħra tal-Kodiċi Kriminali***" u *stante* li kienu sodisfaċentement ipprovati, u li l-aġir ikkontemplat f'dan l-Artikolu mertu ta' din l-imputazzjoni huwa kompriż fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

**Il-Ħames Imputazzjoni – Ksur ta' Buon Ordni u Paċi Pubblika**

Dwar din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

***338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –***
***(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;***

Minn eżami ta' dan l-Artikolu, din il-Qorti tara li sabiex tirriżulta din l-imputazzjoni hemm bżonn li jkun ipprovat li l-aġir tal-imputat kien tali li kkaġuna mqar minimu ta' tħassib fis-suġġettiv passiv (il-*Parte Civile* f'dan il-każ) dwar l-inkolumita' tagħha personali jew tal-proprjeta' tagħha, u dan hekk kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) v. Vincent Sacco**, u ċioe' s-segwenti:

***Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jiġi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ġew illustrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġna 441):***

***L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta'***

***proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.***

Tenut kont dan l-insenjament, *stante* li l-aġir imsemmi kien sodisfaċentement ipprovat fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni li fihom jinkorporaw id-dettami ta' dan l-Artikolu, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni hija kompriża fl-imputazzjonijiet imsemmija, u konsegwentement, tastjeni milli konjizzjoni ulterjuri tagħha;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

*In vista* ta' dak kollu imsemmi fis-sezzjonijiet preċedenti ta' din is-sentenza, huwa ċar li l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat kienu sodisfaċentement ipprovati, u li l-aġir tal-imputat, li sar fuq medda ta' żmien, kellu konsegwenzi permanenti fuq il-*Parte Civile* (b'referenza għall-offiża volontarja fuq il-persuna tagħha), u li għalhekk, flimkien mal-aggravji addebitati lil uħud minn dawn l-imputazzjonijiet, dan għandu jkun rifless fl-istess piena. Madankollu, tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti tara li jkun idoneju li jintlaħaq bilanċ bejn l-aspett ġuridiku u l-aspett soċjali tal-istess każ, speċjalment peress li r-reati in deżamina seħħew fl-ambitu ta' vjolenza domestika. Dan jingħad b'mod partikolari *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Ġunju 2024 li weriet ix-xewqa li taħfer lill-imputat u tinvoka l-provvedimenti tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li, għalkemm din il-Qorti żżomm ferm mad-deċiżjoni tagħha li tiċħad it-talba tal-*Parte Civile*, hija tal-fehma li din id-dikjarazzjoni għandha tkun riflessa fil-piena wkoll. *In oltre* minn dak li jirriżulta mir-rapporti tal-*Probation Officer* Dylan Santillo, li qed isegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżjorja ta' Superviżjoni, jidher li l-*Parte Civile* qiegħda żżur lill-imputat ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li bħala piena għandha tkun erogata, filwaqt li din m'għandha bl-ebda mod tkun lejn il-massimu tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandha wkoll tirrifletti l-portata tar-reati addebitati lill-imputat, u hija tal-fehma li piena karċerarja effettiva fil-konfront tal-imputat tkun idoneja fil-każ odjern, u dan flimkien m'Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza l-problema ta' rabja li ssemmi l-*Parte Civile*, il-problema tad-droga kokaina imsemmija fir-rapporti tal-*Probation Officer* Dylan Santillo, u dan sabiex flimkien mal-għajnuna li qed jirċievi permezz tal-programm *STOP*, ikun f'posizzjoni aħjar li jirritorna lura lejn is-soċjeta', kemm għall-ġid tiegħu innifsu u biex tkun salvagwardjata l-*Parte Civile*;

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 218(1)(b), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(f), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda, a rigward l-imputazzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Sezzjoni, filwaqt li tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, issibu ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, u a rigward l-imputazzjonijiet imsemmija fit-Tieni Sezzjoni, filwaqt li tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni u l-ħames imputazzjoni, issibu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u tikkundanna lill-imputat Mohammed Ali Yousuf Nour għall-piena ta' tmienja u sebgħin (78) xahar priġunerija effettivi</u>**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati, **Mohammed Ali Yousuf Nour** taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja u tad-droga, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Mohammed Ali Yousuf Nour** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Mohammed Ali Yousuf Nour** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **<u>kull tliet (3) xhur</u>**;
Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *in vista* ta' dak spjegat aktar 'il fuq rigward id-dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024 u dak li jirriżulta mir-rapporti tal-*Probation Officer* Dylan Santillo dwar iż-żjarat tal-istess *Parte Civile* mal-imputat, qiegħda tiċħad it-talba kif dedotta;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Mohammed Ali Yousuf Nour** il-provvedimenti tal-Artikolu 15A, l-Artikolu 532A u l-Artikolu 532B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li jekk kien hemm xi danni sofferti dawn ma kienux kwantifikati, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;
Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jitħaddmu fil-konfront tal-ħati **Mohammed Ali Yousuf Nour** il-provvedimenti l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilqa' t-talba, u tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż dovuti lill-esperti nkarigati minn din il-Qorti, u ċioe' l-ammont ta' **<u>erba' mija u erbatax-il Ewro u ħames ċenteżmi (€414.05)</u>** dovuti lill-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino, u **<u>sebgħa u sebgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€77.98)</u>** dovuti lill-espert Dr. Alessandra Mamo.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**